2024/1423

13.6.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 327/2023

tat-8 ta' Diċembru 2023

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2024/1423]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 100/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar Sigurtà Marittima [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Punt 56o (ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32013 R 0100**: Ir-Regolament (UE) Nru 100/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 30)."

2. Fl-adattament (b), il-kliem "u l-Artikolu 2a" għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "Artikolu 2".

3. It-test tal-adattament (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 3 għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu 3, għandu jiżdied dan li ġej: "L-Aġenzija għandha tassisti lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew lill-Kumitat Permanenti, kif meħtieġ, fit-twettiq tal-kompiti tagħha relatati ma' organizzazzjonijiet rikonoxxuti u taħriġ u kwalifiki għall-baħħara f'pajjiżi terzi skont il-Ftehim ŻEE.";

(ii) fil-paragrafu 4, għandu jiżdied dan li ġej: "Meta ż-żjara jew spezzjoni tkun saret fi Stat tal-EFTA f'isem l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, l-Aġenzija għandha tibgħat ir-rapport lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u lill-Istat tal-EFTA kkonċernat.";

(iii) fil-paragrafu 5, għandu jiżdied dan li ġej: "L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tirċievi wkoll l-analiżi tal-Aġenzija."."

4. It-test tal-adattament (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 6:

"4. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 12(2)(a) u 82(3)(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħra, iċ-ċittadini tal-Istati tal-EFTA li jgawdu d-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini jistgħu jiddaħħlu jaħdmu b'kuntratt mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija.

B'deroga mill-Artikoli 12(2)(e), 82(3)(e) u 85(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra, il-lingwi msemmija fl-Artikolu 129(1) tal-Ftehim ŻEE għandhom jitqiesu mill-Aġenzija, fir-rigward tal-persunal tagħha, bħala lingwi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 55(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea."."

[1] ĠU L 39, 9.2.2013, p. 30.

5. It-test tal-adattament (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 7:

"L-Istati tal-EFTA għandhom jagħtu privileġġi u immunitajiet lill-Aġenzija u lill-persunal tagħha ekwivalenti għal dawk li jinsabu fil-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea."."

6. It-test tal-adattament (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 10(2)(b), il-kliem "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "il-Kummissjoni,"."

7. It-test tal-adattament (h) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 11 għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) dan li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 1:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandu jkollha rappreżentant wieħed fuq il-Bord Amministrattiv, mingħajr id-dritt tal-vot.";

(ii) dan li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 2:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha taħtar membru tal-Bord Amministrattiv kif ukoll sostitut li jirrappreżenta lill-membru fl-assenza tiegħu/tagħha.";

(iii) il-paragrafu li ġej għandu jiżdied:

"5. L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-Bord Amministrattiv u fi ħdanu għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-Istati Membri tal-UE, ħlief għad-dritt tal-vot."."

8. Fl-adattament (i), in-numru "7." huwa sostitwit bin-numru "12.".

9. L-adattament (b) huwa nnumerat mill-ġdid bħala adattament (c), l-adattamenti (c), (d), (e), (f), (g), (h), (i) u (j) huma nnumerati mill-ġdid bħala adattamenti (f), (g), (h), (i), (j), (k), (l) u (m) rispettivament.

10. Jiddaħħlu l-adattamenti li ġejjin:

"(b) Fl-Artikolu 1(1) il-kliem "kif ukoll reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass" m'għandhomx japplikaw għall-Istati tal-EFTA, sa fejn l-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Ftehim ŻEE."

"(d) Fl-Artikoli 2(3)(d) u 2(5) il-kliem "kif ukoll tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass" m'għandhomx japplikaw għall-Istati tal-EFTA, sa fejn l-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Ftehim ŻEE."

"(e) L-Artikoli 2(4)(g) u 2a(2)(e) ma għandhomx japplikaw għall-Istati tal-EFTA, sa fejn l-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Ftehim ŻEE."

"(n) Fl-Artikolu 10(2)(c), il-kliem "u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "Kummissjoni"."

"(o) Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal-Liechtenstein. Konsegwentement, il-Liechtenstein mhux se jipparteċipa fl-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima jew jikkontribwixxi finanzjarjament għat-tħaddim tiegħu."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) Nru 100/2013 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Diċembru 2023, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Pascal SCHAFHAUSER

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti

għad-Deċiżjoni Nru 327/2023 li tinkorpora r-Regolament (UE) 100/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-Ftehim

Il-partijiet jirrikonoxxu li l-inkorporazzjoni ta' dan l-att hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni diretta tal-Protokoll 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea għaċ-ċittadini tal-Istati tal-EFTA fit-territorju ta' kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 11 ta' dak il-Protokoll.